# STORJA TAL-KLABB REGATTA BIRZEBBUGA

Il-bidu tas-seklu 20, kien karraterizzat minn zvillupp qawwi fl-inhawi ta' Birzebbuga (Kalafrana, il-mitjar ta' Hal Far etc) mis-servizzi Inglizi. Dan wassal biex il-popolazzjoni ta' Birzebbuga zdiedet konsiderevolment u fost dawk li gew residenti f'dan ir-rahal kien hemm hafna mill-kottonera. Barra minhekk, Birzebbuga kienet ferm popolari ma tal-kottonera biex jigu ghall-vileggatura matur ix-xhur tas-sajf. B'din l-influwenza kollha mit-tlett ibliet tal-kottonera, ma setax jonqos illi tnissel interess fir-regatta fost il-poplu ta Birzebbuga. Ma dan wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li l-Birzebbugin kienu maghrufin sew ghall-isport tal-bahar, specjalment ghat-tigrijiet tad-dghajjes bil-qlugh.

## Titwaqqaf l-Ghaqda 8 ta' Settembru Regatta

Dan kollhu ghen u wassal biex jitwaqqaf kumitat bil-ghan li Birzebbuga tibda tiehu sehem bhala distrett organizzat, fir-Regatta tal-Vitorja. Il-fundatur ta' dan id-distrett huwa s-Sur Mabbli Vella. Il-familja ta' Mabbli kienet wahda minn dawk il-familji li semnmejna, li mill-kottonera (ezattament mill-Isla) gew joqghodu Birzebbuga. Mabbli kien emigra lejn l-Amerika, izda ta' spiss kien jigi jzur art twelidu. F'wahda minn dawn iz-zjarat, fis-sajf ta' l-1971, iltaqa fost l-ohrajn ma certu Mr Casions, pensjonant ingliz, mas-Sur Johnny Mamo, mas-Sur Joe Carabott , mas-Sur Anthony Muscat (il-bahri) u ma huh George u wriehom bix-xewqa tieghu li jitwaqaf kumitat tar-Regatta. Qabel telaq hallilhom LM100 u qallhom li meta jerga jigi lura Malta, huwa ried isib id-dghajjes tar-Regatta. L-Ghaqda twaqqfet dik is sena stess permezz ta' Laqgha li nzammet fis-sede ta' l-Azzjoni Kattolika u semmewa **Ghaqda 8 ta' Settembru Regatta**.

L-ewwel dokument ta' dan il-klabb igib id-data ta' l-20 ta' Settembru 1971. Din kienet ittra iffirmata mis-Sur Albert Izzo, bhala Segretarju tal-Club il-gdid, u permezz taghha informa lil Anton Cassar (President tal-Marsa Regatta Club) li f'Birzebbuga gie mwaqqaf Kumitat bil-ghan li jippartecipa fl-*8th September National Regatta*. Skond it-taghrif migbur minn din l-ittra jirrizulta li l-ewwel laqgha tal-Kumitat saret il-Hadd 19 ta' Settembru 1971 fejn is-Sur Albert Izzo inhatar Segretarju. Ghalekk nistghu inqisu id-data tad-**19 ta' Settembru 1971** bhala l-fondazzjoni ta' l-ewwel Klabb tar-Regatta ta' Birzebbuga. Wara s-Sur Bertie Izzo, il-kariga ta Segretarju ghaddiet f'idejn is-Sur Joe Carabott. Il-Laqghat tal-kumitat kienu jsiru fil-hanut, li missier Mabbli kellhu fi Pretty Bay, bl-isem ta' Bay View Bar. Id-Distrett ta Birzebbuga gie affiljat fl-*8th September Regatta Association* f'Laqgha tal-Kunsill li saret nhar il-Gimgha l-1 t'Ottubru 1971.

Dan il-kumitat beda jahdem biex jakkwista l-opri u xtara l-ewwel dghajsa tal-Midalji bl-isem ta' Santa Marija mill-flus li kien halla Mabbli. Iktar tard giet mixtrija dghajsa tal-Pass bl-isem ta Lady of Lourdes minghand Toni Ellul il-koj, li min jaf kemm rebah paljijiet bija mad-Distrett tar-Rahal Gdid. Giet provduta wkoll il-frejgatina Blue Star minghand l-Imghallem Guzi Aquilina tar-Ratal. Bosta zghazagh urew interess biex jibdew jitharrghu fl-isport tal-qdif u jiffurmaw l-ewwel ekwipaggi tad-Distrett ta' Birzebbuga. It-training kien isir mill-moll ta' Pretty Bay sa Delimara u lura. Intaghzlu wkoll il-kuluri tad-Distrett, l-blu car, l-ahmar u l-abjad - kuluri li kienu sinonimi ma

Birzebbuga. Niftakru li l-karozzi tal-Linja l-antiki ta' Birzebbuga kienu mizbughin b'dawn il-kuluri. Dawn kienu wkoll il-kuluri ta' l-RAF li kellhom konnessjoni kbira ma Birzebbuga. Is-sinjal kien blu car b'faxx ahmar u abjad. Id-dghajjes inzebghu blu car b'faxx ahmar u abjad fil-forma ta mewga, bl-isem ta' B'Bugia fin-nofs u l-arma ta' Birzebbuga mal-pruwwa. Kien hemm zmien fejn minflok l-arma ta' Birzebbuga kienu jpingu ic-cwievet ta' San Pietru. Maz-zmien id-disinn tad-dghajjes inbiddlu kemm il-darba. Gieli inzebghu fil-faxxi tradizzjonali u gieli b'faxxi orizzontali, izda dejjem bit-tlett kuluri l-blu car, l-ahmar u l-abjad.

L-ewwel partecipazzjoni fir-regatta sehhet fit-8 ta' Settembru 1972 fejn id-distrett ta' Birzebbuga ha sehem fil-korsi tal-Midalji, frejgatini, ta' bi tnejn u ta' bl-erbgha. F'dik is-sena il-gazzetti irrapurtaw li *"l-qaddiefa ta' Birzebbuga urew spirtu u determinazzjoni kbira izda sofrew minn nuqqsas ta' esperjenza. Birzebbuga li ghalkemm ma rebhu ebda palju marru tajjeb f'tal-Midalji u ta' bl-erbgha"* (l-Orizzont 9 ta' Settembru 1972).

Is-sena ta' wara l-kumitat kompla jzid l-opri u xtara dghajsa ohra tal-Pass bl-isem ta' Pietra. Birzebbuga hadet sehem fil-korsi kollha minbarra dik tal-kajjiki. Fl-1974 saret dghajsa gdida tal-Midalji u inxtara kajjik li inghata l-isem ta' Mabbli b'rikonoxximent lejn Mabbli Vella, il-mibki fundatur tad-Distrett ta' Birzebbuga, li fl-1972 kien halla din id-dinja. Ghall din ir-regatta Birzebbuga kellhom tama kbira li jintrebah l-ewwel palju u t-tahrig beda kmieni sa mix-xahar ta' Mejju. Fuq l-Orizzont tat-3 ta' Settembru 1974 giet ippublikata intervista mas-Sur Izzo (Vici President) fejn fost l-ohrajn qal li x-xewqa tieghu kienet li jibda x-xoghol fuq pjanta li l-kumitat kellhu biex jinbena club ghad-dilettanti tad-dghajjes u ta' l-ibburdjar, u temm jghid hekk: *"huwa xieraq li ahna, bhall kull club iehor li qed jiehu sehem fir-Regatta jkollna post addattat fejn inzommu id-dghajjes taghna".* Talba li ghada validissima sal-gurnata tal-lum.

Ghall edizzjoni tal-1975 id-Distrett ta Birzebbuga rega kien prezenti fil-kanal. Fil-harga tan-Nazzjon tat-8 ta' Settembru 1975 gie rrapurtat hekk fuq Birzebbuga: *"Minn meta iddebuttaw tliet snin ilu jonqosom jiksbu pjazzament fost l-ewwel tlieta. Tghid din is-sena naraw xi sorpriza minnhom f'xi tellieqa? Wara kollox ikun premju ferm meritat, xejn xejn ghall-isportivita li dejjem urew. L-izaghr kontestant mis-sebgha partecipanti fil-21 edizzjoni".*

Fl-1976 beda jberraq fuq id-distrett ta' Birzebbuga. L-Orizzont tas-7 ta' Setembru 1976 hareg bit-titlu "Birzebbuga – kien ghoddom irtiraw". Skond Anthony Muscat (membru fil-kumitat) kien hemm nuqqas kbir ta' nteress fost il-qaddiefa, pero l-qofol tal-problema kienet in-nuqqas ta' post adekwat fejn jinzammu l-opri u fejn jiltaqghu il-qaddiefa. Il-gvern kien offra wahda mit-tined li kien hemm Kalafrana izda din kienet il-boghod wisq minn fejn kien isir it-training. Minkejja dawn il-problemi kolllha kien hemm fiducja kbira fil-frejgatina l-gdida li kienet ghada kif saret. Minbarra bil-frejgatina, Birzebbuga hadet sehem ukoll bil-kajjik u b'ta bl-erbgha. Dik is-sena ir-regatta kienet karaterizzata minn xita kontinwa u d-dawra tal-port il-kbir kienet miksija bl-umbrellel kull kulur biex jistkennu tahtom id-dilettanti li sfidaw it-temp u xorta attendew bi hgarom biex isegwu it-tigrijiet. F'din il-hames partecipazzjoni Birzebbuga regghu fallew milli jirbhu xi palju, u dan kompla jitfa lura il-hegga fost il-Birzebbugin.

B’dawn it-tlett fatturi quddiemom, jigifieri in-nuqqas ta’ mahzen u club, in-nuqqas ta’ ntreress mill-qaddiefa u n-nuqas ta’ rebh ta xi palju wasslu biex id-distrett ta’ Birzebbuga ma jippartecipax fir-regatta ta’ l-1977 u fis-snin ta’ wara. Uhud mill-qaddiefa li qadfu ghal Birzebbuga f’dawn il-hames snin kienu: France Borg, Charles Farrugia, Ronnie Grech, John Tabone, Anthony Schembri, Michael Incorvaja, Sunny Bonnici, Tony Borg, Joe Camilleri, Joe Scicluna, Joe Muscat, John Muscat, Anthony Muscat, John Mary Gafa, Mario Schembri, Emanuel D’Amato, Peter Aquilina, George Galea.

Fl-1981 Simon Vella, in-neputi ta’ Mabbli Vella, kien ipprova jerga jqajjem l-interess fir-regatta fost iz-zghazagh ta’ Birzebbuga. Fil-fatt hu u shabu irrangaw xi opri li kienu mizmumin fit-tinda ta’ Kalafrana u beda jsir xi tahrig fuq dawn l-opri. Pero sabu xi ntoppi u irtiraw il-partecipazzjoni taghhom. Minhabba l-izvillup li sar fil-Port Hieles, giet meqruda it-tinda ta’ Kalafrana u maghha spiccaw l-opri ta’ l-Ghaqda 8 ta’ Settembru Regatta, apparti wahda, dik tal-Pass bl-isem ta’ Lady of Lourdes, meta b’intervent f’waqtu, ittiehdet fil-*workshop* tal-Muzew Marittimu l-Birgu u sal-lum ghada bil-kuluri originali ta’ Birzebbuga.